FGURA

Minuti tas-seba' u ħamsin laqgħa tal-ħames Kunsill Lokali Fgura li nżammet illum 16 ta' Marzu 2009 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Fgura. Il-laqgħa bdiet fis-7.00pm.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | |
| **Sindku:** | Chev. D. Marmara` CLJ |
| Viċi-Sindku | Dr. E. Grech M.D. – 20.00hrs. |
| Kunsillieri: | Is-Sur P. Dalli<br>Is-Sinjura R. Cutajar<br>Is-Sur S Camilleri<br>Is-Sur C Agius<br>Is-Sur M Lombardo – 20.47hrs. |
| **Segretarju:** | Is-Sur A. Grima |

Is-Sur C Bonello u s-Sur A Debono kienu nfurmaw li ma' setgħux jattendu.

Is-Sindku qal it-talba fil-bidu tal-laqgħa.

## 1.0 Approvazzjoni ta' Minuti

1.1 **Minuti tal-Laqgħa 12 ta' Frar 2009** – Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-minuti tal-laqgħa ta' 12 ta' Frar 2009 kif ippreżentati. Il-minuti tal-laqgħa ta' 12 ta' Frar 2009 kienu approvati nem con.

## 2.0 Korrispondenza

2.1 Ma kienx hemm korrispondenza mmarkata sabiex tinqara.

## 3.0 Komunikazzjoni mis-Sindku

3.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar l-eżitu ta' laqgħa li saret mal-Perit D Vassallo ADT dwar materja li kienet riferuta min-naħa tagħhom bħala xogħol li kien sar mingħajr awtorizżazzjoni min-naħa tagħhom. Saret diskussjoni. Minkejja li fl-istess laqgħa l-istess Perit D Vassallo kien informa li fi żmien tlett ijiem kellu jinforma lill-Kunsill li l-'enforcement' kien ser jitneħħa, sal-lum din il-materja kienet għadha pendenti. Is-Sindku nforma wkoll li huwa kien qajjem din il-materja fil-laqgħa tas-Sindki.

3.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar l-eżitu ta' laqgħa li saret ma' l-attache' Amerikan Ms Cynthia Ehrlich. Wara li saret diskussjoni, is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2448/09/5 "Sabiex jinħatar sotto-kumitat dwar xogħol konġunt li jista jsir mal-Ambaxxata Amerikana b'referenza għal-laqgħa li saret minn:- Sindku, Rita Cutajar". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Il-mozzjoni ref: 2448/09/5 kienet approvata nem con.

3.3 Is-Sindku għamel referenza għall-korrispondenza li ntbagħtet mill-Fgura U.F.C. u li kienet ippreżentata waqt il-laqgħa li saret magħhom nhar is-6 ta' Marzu 2009. Wara li saret diskussjoni, is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2449/09/5 "Sabiex jinħatar sotto-kumitat rigward proponimenti li saru mill-Fgura Utd FC minn: Sindku, Pierre Dalli, Rita Cutajar". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Il-mozzjoni ref: 2449/09/5 kienet approvata nem con.

3.4 Is-Sindku għamel referenza għall-laqgħa tas-Sindki li saret f'Għawdex. Wara huwa ressaq mozzjoni ref: 2450/09/5 "Sabiex jiġi approvat il-ħlas ta' €113 għall-attendenza tas-Sindku fil-laqgħa tas-Sindki". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Il-mozzjoni ref: 2450/09/5 kienet approvata nem con.

3.5 Is-Sur S Camilleri staqsa jekk il-Kunsill kienx irċieva risposta mingħand il-pulizija dwar l-attivita' li kienet saret nhar it-28 ta' Diċembru 2008. Is-Segretarju nforma li l-Kunsill ma' kienx irċieva risposta dwar din il-materja. Is-Sur S Camilleri ppropona li tintbagħat ittra lill-Kummissarju tal-Pulizija dwar din il-materja. Saret diskussjoni. Wara s-Sur S Camilleri ressaq mozzjoni ref: 2451/09/5 "Biex dan il-Kunsill jikteb lill Kummissarju tal-puluzija biex jingħata tweġiba kif it-triq Vjal il-Kottoner ingħalqet fit-28 ta' Diċembru minajr ma ġie nfurmat il-Kunsill". Din kienet sekondata mis-Sinjura R Cutajar. Ittieħed vot.

Favur : Sur S Camilleri, Sinjura R Cutajar.
Kontra : Sindku.
Astenzjoni : Sur P Dalli, Sur C Agius.

Il-mozzjoni ref: 2451/09/5 kienet approvata b'żewġt voti favur, vot wieħed kontra u żewġt astenzjonijiet.

Is-Sindku talab sabiex jitniżżlu l-ismijiet.

## 4.0 Progress ta' Ħidma

4.1 Is-Sinjura R Cutajar għamlet referenza għal korrispondenza mill-Enemalta dwar talba li saret mill-Kunsill għal lanterna ġdida fi Triq il-Foss. Saret diskussjoni. Kien hemm qbil li kellu jsir appuntament ma' l-Enemalta dwar din il-materja.

3.7 Is-Sinjura R Cutajar staqsiet jekk kienx hemm feedback min-naħa ta' l-Engineer S Buttigieg dwar inspection li kellu jagħmel fi Triq id-Dejma. Is-Segretarju kellu jivverifika dwar dan.

3.8 Is-Sinjura R Cutajar għamlet referenza għal korrispondenza mill-Enemalta dwar talba tal-Kunsill għal lanterni ġodda fi Triq San Tumas u Triq Valperga. Saret diskussjoni. Il-Kunsill kellu jistenna li jintbagħtu d-dokumenti neċessarji li jindikaw il-post fejn kien qed ikun propost li teħel din il-lanterna min-naħa ta' l-Enemalta.

3.9 Is-Sinjura R Cutajar għamlet referenza għal deċiżjoni preċedenti tal-Kunsill dwar l-uniformijiet ta' l-impjegati. Wara hija ressqet mozzjoni ref: 2452/09/5 "Sabiex dan il-Kunsill jixtri uniformijiet lill-impjegati clerikali bis-somma ta'

mhux aktar minn €713.01 skond l-istima annessa". Din kienet sekondata mis-Sur S Camilleri. Il-mozzjoni ref: 2452/09/5 kienet approvata nem con.

3.10 Saret diskussjoni dwar l-installar ta' Twilight switches fil-pjazez u ġonna pubbliċi.

3.11 Is-Sur S Camilleri nforma lill-Kunsill dwar ix-xogħlijiet ta' culvert fi Triq is-Sur li kienu għaddejjin. Saret diskussjoni.

3.12 Is-Sur S Camilleri nforma lill-Kunsill dwar e-mail li kienet ġiet f'idejh, liema email kienet intbagħtet lis-Sindku mingħand is-Sur J Camilleri. Din kienet tirreferi għal diskussjoni u deċizjoni tal-Kunsill sabiex tintbagħat ittra bl-avukat lill-istess Sur Camilleri fir-rgward ta' ostaklu li kien inbena quddiem ir-residenza tiegħu. Saret diskussjoni. Is-Sindku nforma li kellu jiċċirkola risposta li kien bagħat dwar l-istess e-mail.

3.13 Is-Sur S Camilleri nforma lill-Kunsill dwar xogħlijiet li kienu saru fil-Qasam tal-bini tal-Gvern kif ukoll xogħlijiet oħra li kienu fil-pjanti approvati u li kienu għadhom pendenti. Saret diskussjoni. Saret referenza wkoll għal xogħlijiet 'extra' li saru u li ma' ġewx approvati mill-Kunsill. Kien hemm qbil li tintalab laqgħa mal-K.S.I. dwar dawn ix-xogħlijiet. Saret diskussjoni wkoll dwar it-tikħil, it-twaħħil tal-bankijiet u l-periklu li kien ikkawżat minn culvert li kien sar fil-ġenb tal-pjazza.

3.14 Is-Sur S Camilleri għamel referenza għal rapport li kien sar mill-Perit D Falzon dwar il-proposta tal-Kuntrattur Ells Urban Services Ltd. Saret diskussjoni. Wara s-Sur S Camilleri ressaq mozzjoni ref: 2453/09/5 "Dan il-Kunsill qed jaċċetta il-proposta għall ħlas li għamel il-kuntrattur fuq xogħol ta' bankini u kif qed jirrikmanda il-perit skond ir-rapport anness". Din kienet sekondata mis-Sindku. Il-mozzjoni ref: 2453/09/5 kienet approvata nem con.

3.15 Is-Sur C Agius ressaq mozzjoni ref: 2454/09/5 "Sabiex jinxtara l-ktieb 'KTIEB GĦAR-RANDAN' ta' Timothy Radcliffe O.P għall-spiża ta' mhux aktar minn €6". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Il-mozzjoni ref: 2454/09/5 kienet approvata nem con.

3.16 Is-Sur C agius ressaq mozzjoni ref: 2455/09/5 "Sabiex jinxtraw il-kotba annessi ta' mhux aktar minn €13". Din kienet sekondata mis-Sindku. Il-mozzjoni ref: 2455/09/5 kienet approvata nem con.

3.17 Is-Sur C Agius ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill deċiżjoni pendenti sabiex issir water deviation hump fi Triq Sant'Antnin. Saret diskussjoni.

3.18 Is-Sur C Agius għamel referenza għal korrispondenza li rċieva l-Kunsill mingħand TCTC dwar organiżżazzjoni ta' korsijiet. Saret diskussjoni. Is-Sindku ppreżenta parir legali li kellu l-Kunsill dwar il-materja.

3.19 Is-Sur P Dalli għamel referenza għal kwotazzjoni li kienet intbagħtet minn Calamatta Landscapes dwar tisbiħ fil-Qasam tal-Bini tal-Gvern. Saret diskussjoni. Wara s-Sur P Dalli ressaq mozzjoni ref: 2456/09/5 "Sabiex il-Kunsill iqabbad lil Calamatta Landscapes LTD biex iħawwel il-pjanti u siġar kif inhu anness fil-parti ta housing est għall spiża ta' mhux aktar minn

€1,181.00”. Din kienet sekondata mis-Sindku. Il-mozzjoni ref: 2456/09/5 kienet approvata nem con.

3.20 Is-Sur P Dalli ressaq mozzjoni ref: 2457/09/5 “Sabiex il-Kunsill iqabbad lil Wilson Mifsud biex iħawwel żewġ siġar ta’ tip Jacaranda fil-HSE il-ġdid bi spiża ta’ mhux aktar minn €300”. Din kienet sekondata mis-Sindku. Il-mozzjoni ref: 2457/09/5 kienet approvata nem con.

3.21 Is-Sur P Dalli ppropona li jsiru bins fi Triq il-Pitirross u Triq il-Kampanella. Wara li saret dsikussjoni is-Sur P Dalli ressaq mozzjoni ref: 2458/09/5 “Sabiex issiru żewġ bins fil-parti ta’ fejn hemm siġar f’Triq Pitiross, Doggy bin f’Triq Kampanella (fejn Marshall) b’spiża ta’ mhux aktar minn €200”. Din kienet sekondata mis-Sindku. Il-mozzjoni ref: 2458/09/5 kienet approvata nem con.

Il-Viċi-Sindku daħal fil-kamra – 20.00hrs.

3.22 Is-Sur P Dalli ppropona li siġar tal-Palm li kienu jinsabu għand il-Kunsill jeħlu fir-roundabout fi Vjal Kottoner. Saret diskusjoni. Wara s-Sur P Dalli ressaq mozzjoni ref: 2459/09/5 “Sabiex jitqiegħdu 4 palmiet li hemm fil premises ta Kunsill għall roundabout ta Vjal Cottoner”. Din kienet sekondata mis-Sindku. Il-mozzjoni ref: 2459/09/5 kienet approvata nem con.

3.23 Is-Sur P Dalli reġa fakkar dwar l-inizjattiva ta’ Puttinu Cares. Saret diskussjoni.

3.24 Is-Sur P Dalli nforma lill-Kunsill dwar is-sitwazzjoni tal-Palm fi Pjazza R Miller li kien infettat bil-bumunqar aħmar.

3.25 Is-Sindku għamel referenza għal rapport li kien sar mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar l-istat ta’ tabelli tat-traffiku fil-lokal. Wara s-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2460/09/5 “Sabiex jinxtraw tabelli tat-traffiku bi spiża ta’ mhux aktar minn €1200”. Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Il-mozjoni ref: 2460/09/5 kienet approvata nem con.

Is-Sur P Dalli ħareġ mill-kamra u daħal ftit wara.

3.26 Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar ħsara li kienet saret fuq vettura wara li waqgħet tabella tat-traffiku fuqha. Is-Sindku nforma li l-ħsara kienet tammonta għal valur anqas mill-excess tal-assikurazzjoni tal-Kunsill. Saret diskussjoni. Wara s-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2461/09/5 “Sabiex il-Kunsill iġib 2 kwotazzjonijiet oħra għal ħsara li ġarbet il-vettura annessa u għandu japprova l-ħlas fuq l-irħass offerta”. Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Il-mozzjoni ref: 2461/09/5 kienet approvata nem con.

3.27 Is-Sur P Dalli nforma lill-Kunsill dwar ilmenti li kellu minn residenti li kienu jgħaddu bil-mixi minn taħt il-mina li twassal lejn Bormla mill-Fgura, minħabba l-periklu li kien hemm fin-nuqqas ta’ bankina. Saret diskussjoni vis-a-vis l-possibilita’ li jinfetaħ aċċess ieħor li kien hemm fl-inħawi. Kien hemm qbil li l-ADT tintalab tagħmel bankina f’din il-parti sabiex jonqos il-periklu.

**5.0 Mistoqsija**

5.1 Is-Sindku nforma li din il-materja kienet qed tkun rimandata f'laqgħa oħra meta jkun preżenti l-Kunsillier C Bonello li kien bagħat il-mistoqsija.

**6.0 Approvazzjoni ta' Listi**

6.1 **Purchase Request Forms** – Wara li saret diskussjoni fuq il-listi ppreżentati Dok'B' annessi, is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2462/09/5 "Sabiex jiġu approvati l-Purchase Request Forms annessi". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Il-mozzjoni ref: 2462/09/5 kienet approvata nem con.

6.2 Is-Sindku għamel referenza għall-kontijiet pendenti marbuta mas-sevizz ta' knis fil-lokal filwaqt li qara ittra li kienet ippreżentata mill-kuntrattur. Saret diskussjoni dwar din il-materja vis-a-vis deċizjonijiet preċedenti tal-Kunsill u rapporti li saru mill-contact manager.

Is-Sur M Lombardo daħal fil-kamra – 20.47hrs.

6.3 Tkompliet id-diskussjoni dwar il-materja riferuta taħt item 6.2.

6.4 **Ħlasijiet** - Wara li saret diskussjoni fuq il-lista ppreżentata Dok'C(i)' annessa, is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2463/09/5 "Sabiex jiġu approvati l-ħlasijiet annessi". Din kienet sekondata mis-Sur C Agius.

Ittieħed vot.

Favur – Sindku, Viċi-Sindku, Sur P Dalli, Sur C Agius, Sur S Camilleri, Sinjura R Cutajar.

. Kontra – Ħadd

Astenzjoni – Sur M Lombardo.

Is-Sindku talab sabiex jitniżżlu l-ismijiet.

Il-mozzjoni ref: 2463/09/5 kienet approvata b'sitt voti favur, l-ebda vot kontra u astenzjoni waħda.

6.5 **<u>Ħlasijiet Kuntratt Knis</u>** - Wara li saret diskussjoni fuq il-lista ppreżentata Dok'C(ii)' annessa, is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2464/096/5 "Sabiex jiġu approvati l-ħlasijiet annessi". Din kienet sekondata mis-Sur C Agius.

Ittieħed vot.

Favur – Sindku, Viċi-Sindku, Sur P Dalli, Sur C Agius, Sinjura R Cutajar.

. Kontra – Sur S Camilleri.

Astenzjoni – Sur M Lombardo.

Is-Sindku talab sabiex jitniżżlu l-ismijiet.

Il-mozzjoni ref: 2464/09/5 kienet approvata b'ħames voti favur, vot kontra u astenzjoni waħda.

6.6 **Ħlasijiet Kumitat Konġunt** - Wara li saret diskussjoni fuq il-lista ppreżentata Dok'C(iii)' annessa, is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2465/09/5 "Sabiex jiġu approvati l-ħlasijiet tax-xhur Dec '08 u Jan '09, dawk l-ispejjeż relatati mal-kumitat konġunt u mhux diretti mal-Aġenzija tal-Gwardjani". Din kienet sekondata mis-Sur C Agius.

Ittieħed vot.

Favur – Sindku, Viċi-Sindku, Sur P Dalli, Sur C Agius, Sur S Camilleri, Sinjura R Cutajar.

. Kontra – Ħadd

Astenzjoni – Sur M Lombardo.

Is-Sindku talab sabiex jitniżżlu l-ismijiet.

Il-mozzjoni ref: 2465/09/5 kienet approvata b'sitt voti favur, l-ebda vot kontra u astenzjoni waħda.

## 7.0 Memo 10/2009 – Premju Eden 2009

6.1 Ma kienx hemm proposti għad-diskussjoni.

## 8.0 Memo 11/2009 – Tfassil Strateġija Żvilupp Sostenibbli

8.1 Ma kienx hemm proposti għad-diskussjoni.

## 9.0 Progress Monument Triq Żabbar / Hompesch

9.1 Wara li saret diskussjoni dwar il-proposta mibgħuta mill-iskultur Keith Galea, is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2466/09/5 "Sabiex jinħatar sotto-kumitat għal Monument minn: Sindku, Saviour Camilleri, Pierre Dalli". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Il-mozzjoni ref: 2466/09/5 kienet approvata nem con.

## 10.0 Rapport Finanzjarju sa l-aħħar ta' Diċembru 2008

10.1 Wara li saret diskussjoni fuq ir-rapport ippreżentat, is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2467/09/5 "Sabiex jiġi approvat ir-rapport finanzjarju sal-aħħar ta' Diċembru 2008". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

Favur – Sindku, Viċi-Sindku, Sur P Dalli, Sur C Agius, Sur S Camilleri, Sinjura R Cutajar.

. Kontra – Ħadd

Astenzjoni – Sur M Lombardo.

Is-Sindku talab sabiex jitniżżlu l-ismijiet.

Il-mozzjoni ref: 2467/09/5 kienet approvata b'sitt voti favur, l-ebda vot kontra u astenzjoni waħda.

**11.0 <u>Performance Bonus Impjegati</u>**

11.1 Saret diskussjoni fuq ir-rapport ppreżentati mis-Segretarju Ezekuttiv u s-Sindku dwar il-ħidma ta' l-impjegati tal-Kunsill.

11.2 Wara s-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2468/09/5 "Sabiex jiġu approvati l-Performance Bonuses ta' Alex Grima, Cynthia Grech Plumpton u M'Rose Bilocca. L-Performance Bonus ta' Ann Marie Curmi jiġi rimandat għal-laqgħa li jmiss". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Il-mozzjoni ref: 2468/09/5 kienet approvata nem con.

**12.0 <u>Budget 2009-2010</u>**

12.1 Is-Sindku talab lill-membri tal-Kunsill sabiex iressqu proposti li setgħu ikunu kkunsidrati għall-budget 2009-2010.

**13.0 <u>Pjan ta' Ħidma 2009-2012</u>**

13.1 Is-Sindku talab lill-membri tal-Kunsill sabiex iressqu proposti li setgħu ikunu kkunsidrati għall-pjan ta' ħidma 2009-2012

**14.0 <u>Laqgħa tal-Lokalita'</u>**

14.1 Saret diskussjoni dwar id-data ta' din il-laqgħa. Kien hemm qbil li din tkun rimandata sakemm tkun magħrufa l-allokazzjoni finanzjarja tal-Kunsill għas-sena finanzjarja 2009-2010.

**15.0 <u>Aġġornament</u>**

15.1 Il-laqgħa ntemmet fl-21.50hrs u kienet aġġornata għat-tielet Ħamis fix-xahar t'April 2009 fis-19.00hrs.

____________________ ____________________

Sindku Segretarju